A.L. 90 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti għad-Diploma fil-*Guidance* u l-*Counselling*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28 u 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmulin mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 29 u 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Emenda Nru. 1 għar-Regolamenti għad-Diploma fil-*Guidance* u l-*Counselling* (A.L. 173 ta' l-1990):

REGOLAMENTI LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI GĦAD-DIPLOMA FIL-*GUIDANCE* U L-*COUNSELLING*

Emenda Nru. 1

Ir-Regolamenti għad-Diploma fil-*Guidance* u l-*Counselling*, ippubblikati fl-Avviż Legali Nru. 173 ta' l-1990 (li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti ewlenin") huma emendati kif ġej:

1. Fit-"Titolu fil-Qosor" u fir-ras bejn parentesi minnufih qabel ir-regolament 1 ("1. **Dħul"**) tar-regolamenti ewlenin kull fejn jidhru l-kliem "biss għall-kors li beda f'Ottubru 1987" dawn jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara".

2. Ir-regolament 6.1 tar-regolamenti ewlenin jitħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"6.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara."